MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 229/2004

**Sonia Grech f'isimha propju u bhala kuratrici ta' binha minuri Luke Grech**

**Vs**

**Raymond Grech u Emanuel Schiavone**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attrici ppremettiet illi:

Billi fil-5 ta’ Jannar 2001 waqt li l-attrici u binha minuri Luke kienu rekbin bhala passigieri fil-vettura numru ta’ registrazzjoni CAT-124 misjuqa mill-konvenut Raymond Grech (li hu r-ragel ta’ l-attrici), huma kienu involuti f’incident stradali fi Triq tas-Silg Marsaxlokk meta l-vettura taghhom u l-vettura numru IAG-306 misjuqa mill-konvenut Emanuel Schiavone habtu, u dan skond ma’ jirrizulta mir-*road accident report* u l-iskizz li qed jigu annessi u markati bhala Dokument A.

U billi l-attrici u binha minuri Luke sofrew danni ngenti fuq il-persuna taghhom b’rizultat ta’ dan l-incident, u l-attrici sofriet ukoll dizabilita’ permanenti, skond kif jirrizulta ahjar mic-certifikat mediku hawn anness u markat bhala Dokument B u mir-rapporti medici li qed jigu markati bhala Dokument C u D.

U billi dan l-incident stradali sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni, imperitia u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuti, jew min minnhom, u dana kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

U billi l-konvenuti gew interpellati biex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha li sofrew l-atturi izda baqghu inadempjenti.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjarahom responsabbli jew min minnhom, ghal l-incident stradali li fih sfaw korruti l-atturi fil-5 ta’ Jannar 2001.

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-atturi minhabba dan l-incident u dana okkorrendo bl-opra ta’ periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lill-atturi d-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittri ufficjali ta’ l-20 ta’ Dicembru 2002 kif ukoll ta’ l-ittra ufficjali li qed tigi pprezentata kontestwalment ma’ din ic-citazzjoni, kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici a fol.3 tal-process.

Rat in-**nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Schiavone** a fol. 20 tal-process fejn ecepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident tat-traffiku meritu ta’ din il-kawza ma’ garax tort u htija ta’ l-eccipjenti izda gara unikament tort u htija tas-sewwieq l-iehor, Raymond Grech u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi stante li dan l-incident ma’ garax tort u htija ta’ l-esponenti l-ebda ammont ma huwa dovut minnu lill-atturi, liema danni kif mitluba huma f’kwalunkwe kaz esagerati.

3. Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat in-**nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Grech** a fol. 25 tal-process fejn ecepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom, stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma sehhx b’tort ta’ l-eccipjenti izda b’tort tal-konvenut l-iehor Emanuel Schiavone, u dana kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghalhekk l-eccipjent m’ghandu jkun ikkundannat ihallas ebda danni.

2. Illi fi kwalunkwe kaz l-atturi jridu jaghmlu prova tad-danni rejalment subiti minnhom.

3. Salv eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi.

Rat id-digriet a fol 91;

Rat ir-relazzjoni ta’ Dr. N. Vella a fol 97;

Rat in-noti a fol 100 u 101;

Rat il-verbali a fol 102;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw;

Din il-kawza tirrigwarda kollizjoni li grat fi Triq Tas-Silg, Marsaxlokk fil-5 ta’ Jannar 2001 bejn vettura tat-tip Isuzu bin-numru IAG-306 misjuqa mill-konvenut Emmanuel Schiavone u vettura tat-tip Bedford bin-numru CAT-124 tal-konvenut Raymond Grech. Fl-incident korrew l-attrici u binha Luke Grech li jigu l-mara u t-tifel tal-konvenut Raymond Grech.

**PROVI**

- **Mir-rapport tal-Pulizija (fol. 5-9) u mill-iskizz jirrizulta dan li gej:**

i. Emanuel Schiavone, s-sewwieq tal-vettura bin-numru IAG-306, qal illi kien gej minn Triq Delimara u meta dar ghal Triq is-Silg sab lil vettura CAT-124 *wrong side* li baqa’ diehel fih (ara fol. 6).
ii. Raymond Grech, is-sewwieq tal-vettura CAT-124 qal illi hu kien qieghed isuq fit-triq Tas-Silg u kif wasal qabel id-dawra tat-triq li taghti ghal Delimara harget minnha l-vettura IAG-306 li kien ghaddej bi *speed* u ghalkemm ipprova jevitah kien ghal xejn u habtu (ara fol.6).
iii. Skond il-verzjoni tal-Pulizija (a fol. 7) “Mill-investigazzjoni maghmula fil-post irrizulta illi waqt li z-zewg vetturi waslu fil-kisra li hemm saret il-habta. Mid-deher jidher illi vettura CAT-124 kienet daqxejn ghan-nofs tat-triq u li ma kienitx fuq in-naha tas-*side* taghha”
i.v. u fid-deskrizzjoni moghtija lill-Insurance fl-istess rapport “Kollizjoni saret ezatt fil-kisra li hemm qabel iddur ghal Delimara u li kieku vettura CAT-124 li kien sejjer lejn M’Skala zamm fuq in-naha tieghu kieku il-habta ma sarietx”.

**P.C. 766 Zerafa Paul** (a fol. 84) xehed li kien il-Pulizija li assista lis-surgent u kellmu lis-sewwieqa. Hadd ma kien wegga' izda l-attrici kellha qatgha fuqha. Il-hsarat kienu konsiderevoli u kkonferma li l-karozza CAT-124 ma kienitx kompletament fuq is-*side* taghha.

**L-attrici (a fol. 31)** xehdet li fil-5 ta' Jannar 2001 ghall-habta tal-5.00pm hi u binha ta' erba' snin kienu passiggieri fil-vettura bin-numru CAT-124 misjuqa mill-konvenut Grech (zewgha). Kienu telghin it-triq tas-Silg u malli waslu qabel id-dawra ghat-triq li taghti ghal Delimara vettura bin-numru IAG-306 kienet gejja minn Triq Delimara bi *speed* qawwi u baqghet diehla *head on* fil-vettura taghhom. Il-karozza taghhom garrbet hsarat kbar fuq in-naha tal-lemin. Dak in-nhar kien hemm xi xogholijiet fit-triq u ghalhekk zewgha kien qed isuq lejn in-nofs tat-triq. Zewgha kien attent fis-sewqan ghax ried jevita l-hofor minhabba li hi kellha tlett xhur tqala

**Il-konvenut Raymond Grech (a fol. 87 u 109 )** xehed li kien tielgha minn M'Xlokk lejn Wied il-Ghajn bil-vettura bin-numru CAT-124. Il-mara u t-tifel kienu mieghu fil-karozza. F'hin minnhom van, li kien gej bi *speed* eccessiv, gie minn faccata u billi t-triq hija angolata hu gie qieghed maqlugh il-barra. Hu prova jdur, ha l-kantuniera fil-wisgha u baqa' diehel go fih. Hu ma deherlux li kien daqshekk il-barra lejn nofs it-triq imma kien il-gewwa minn nofs it-triq. Grech jghid illi kien ghaddej bi *speed* inqas minn hamsa u ghoxrin. Wara l-incident il-karozzi bdew jghaddu min naha tax-xellug tal-karozza tieghu. Dak in-nhar fit-triq ma kienx hemm karozzi pparkjati. Fuq in-naha fejn kien hu kien hemm rampa ta' xi xatba u kien hemm kanal fit-triq li kien imharbat. Minn fejn hareg il-van hemm *stop sign* kemm bhala tabella kif ukoll ma' l-art, Hu mmarka dan fuq l-isketch bil-*highlighter* (a fol. 9). Hu qal illi biex gie fid-direzzjoni li gie, l-van inqala' 'l barra hafna.

**Il-konvenut l-iehor Emanuel Schiavone (a fol. 104)** xehed li kien qed isuq vettura tal-marka Isuzu, gej minn Delimara sejjer lejn Marsaxlokk. Kif kiser ghal M'Xlokk hu sab il-vettura l-ohra fuq in-naha tieghu, din ippruvat

tiskapulah izda ghalxejn ghax dan ma lahaqx ghadda. Kieku l-konvenut Grech kien qieghed fuq is-*side* tieghu kien jibqa' ghaddej. Id-daqqa ma kienitx ezatt *head on* ghax Grech prova jghaddi minn magenbu. Hu kien ghaddej b'xi tletin izda ma jafx jekk kienux mili jew kilometri. Jaf li kien ghaddej bil-mod.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut Grech ftit hin qabel l-incident kien ghaddej lejn in-nofs tat-triq, aktar lejn in-naha hazina tat-triq, billi skond hu kien hemm xi xogholijiet fit-triq fuq ix-xellug tieghu. Hu habat mal-vettura tal-konvenut l-iehor Schiavone li kienet gejja minn faccata gej minn wara liwja. Skond l-iskizz jirrizulta li l-vettura ta' Grech wara l-incident giet qed taqbez in-nofs tat-triq, u dana wara li ipprovat tevita l-habta mal-konvenut l-iehor. Inoltre jidher mill-iskizz li qabel l-incident, aktar lura mill-post minn fejn habtu, il-vettura ta' Grech kienet aktar lejn in-nofs milli kif spiccat wara l-incident. L-attrici xehdet li zewgha kien qed isuq lejn in-nofs tat-triq u l-konvenut Grech jikkonferma dana billi fil-gemb tat-triq kien hemm kanal li kien imharbat. Dan gie konfermat ukoll fir-*road accident report* u diga saret riferenza ghal dak kontenut fih ghalih aktar 'l fuq f'dina s-sentenza. Inoltre wara l-incident il-vetturi bdew jghaddu minn fuq ix-xellug tal-vettura ta' Grech. Illi ghal din ir-raguni l-Qorti tikkonkludi li l-konvenut Grech kellu tort ghall incident.

Il-Qorti pero' trid tara ukoll jekk il-konvenut Schiavone kellux ukoll xi tort. Jirrizulta mill iskizz li l-konvenut Grech kien ghaddej minn triq principali, u li kien qed jispiccaha, mentri l-konvenut l-iehor Schiavone kien qed jittenta jidhol go din it-triq u kien qed jimmanuvra l-kantuniera biex jidhol fit-triq li kien ghaddej minnha l-konvenut Grech. Kien mistenni ghalhekk mill-konvenut Schiavone, anke kieku ma kellux *stop sign*[1], li hu jirrallenta biex jesplora t-triq li huwa kien diehel go fiha, Invece jidher li huwa kien

[1] Kwantu ghall allegazzjoni tal-konvenut Grech li kien kemm stop sign fil-kantuniera, dina ma tirrizultax mill-provi. L-iskizz u l-police report ma jindikaw ebda stop sign u x'qal Grech mhiex l-ahjar prova.

ghaddej bi *speed* (mhux necessarjament eccessiv) li fic-cirkostanzi ma kienx *speed* prudenti ghal-lokalita'. Infatti hu ra lill karozza tal-konvenut Grech ftit sekondi qabel il-habta. Inoltre jidher mill-iskizz li huwa ha d-dawra li kien hemm fil-wiesgha u gie maqlugh il-barra tant li jidher li l-ponta ta' quddiem tal-lemin tal-vettura kienet fin-nofs tat-triq. Veru li l-konvenut Grech kien qieghed xi ftit *wrong side* minhabba li fil-gemb tat-triq kien hemm ix-xogholijiet izda dan ma jiskuzax lill Schiavone li jibqa' diehel fi triq principali bla *proper look out* u minghajr ma jirrallenta u minflok jiehu l-kantuniera fil-wiesgha u maqlugh il-barra.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li z-zewg konvenuti kellhom tort izda l-konvenut Grech kellu aktar responsabilita' ghall incident, ghalhekk il-Qorti qed taqsam ir-responsabilita kwantu ghall zewg terzi ghall konvenut Grech u terz ghall konvenut Schiavone.

**Danni**

B'konsegwenza ta' l-incident l-attrici soffriet dizabilita' permanenti u binha sofra *head injury*. Minhabba l-impatt l-attrici soffriet *miscarriage*. Illum ghadha taghmel il-*physiotherapy* u peress illi certu xoghol tad-dar ma tistax taghmlu bhal tindif ta' hgieg u xoghol iehor fl-gholi, l-attrici qed ikollha ggib *maid* u thallasha Lm10 fil-gimgha. Hallset is-somma ta' Lm1,800 ghand tobba, specjalisti, rapporti u spejjez medici (ara ricevuti fiskali a fol. 33 sa 77). Madwar hames xhur ilu bdiet taghmel xoghol *part-time* bhala *cleaner* u ghandha ntrojtu ta' madwar Lm100 fix-xahar.

L-attrici pprezentat certifikat mediku ta' Dr. Anthony Zrinzo (ara fol 12 et seq) fejn dan ta lill attrici dizabilita' permanenti ta' 15%.

Il-Qorti innominat lill Dr. Norbert Vella bhala espert newrolgu. Dan ipprezenta r-relazzjoni tieghu a fol 97. Mir-rapport tieghu li sar fl-1 ta' Gunju 2005, izjed minn erba' snin wara l-incident, jirrizulta li l-attrici '*has reached maximal medical improvement'* u ghalkemm ghad

ghandha ugigh f'ghonqa, go idha u go daharha, '*she has no clinical evidence of cervical root or cord damage and her MRI findings do not explain her symptoms'*. Skond l-American Medical Association '*Guides to the Evaluation of Permanent Impairment*', l-attrici ghandha '*a dre (diagnosis-related estimate) Cervical Category II Impairment rating based on the degree of muscle guarding and spasm in the neck that was observed at the time of examination, asymmetric loss of range of motion of the cervical spine as well as non-verifiable radicular complaints, i.e. complaints of radicular pain* ***without objective findings****. This yields a 5% impairment of the whole person. There is also a class I (mild) impairment rating due to pain disorders* ***without any ratable impairment based on organ or body part dysfunction****.*

***The combined impairment score for the whole person is 5%".***

Il-partijiet qaghdu ghal dina l-konkluzzjoni u t-talbiet ghal periti addizzjonali gew irtirati (ara fol 100 sa 102).

**Damnum emergens.**

L-attrici qed titlob is-somma ta' Lm1,800 **li hi nkorriet** bhala *damnum emergens*. Hi esebiiet l-ircevuti minn fol. 33 sa 77 u dawn ma gewx kontestati.

**Lucrum cessans**

L-attrici hi mara tad-dar u dan l-ahhar bdiet taghmel xoghol *part-time* bhala *cleaner* u ghandha ntrojtu ta' madwar Lm100 fix-xahar.

Meta gara l-incident l-attrici kellha 25 sena. Meta tqis li bhala mara tad-dar - xoghol li minnu l-attrici ma tirtirax bil-

pensjoni meta taghlaq is-sittin sena – il-Qorti hi tal-fehma li *multipler* xieraq f'dan il-kaz ikun ta' 38 sena.

Billi x-xoghol tad-dar ghandu valur ekonomiku, fil-fehma tal-Qorti x-xoghol tad-dar ghandu jitqies li jiswa mhux anqas mill-paga minima nazzjonali. Ghalhekk l-introjtu ta' l-attrici a fini tal-komputazzjoni tad-danni qed jigi kalkolat fuq paga minima nazzjonali medja ta' Lm60 fil-gimgha meta tikkunsidra l-awment li genererlament ikun hemm fil-futur.

Lm60 fil-gimgha ghall 38 sena jaghti rizultat ta' Lm118,560;
Bil-grad ta' disabilita' ta' 5% li jaghtu Lm5,928
Billi l-attrici ser tiehu dan l-ammont tal-futur bil-quddiem ghandhom jitnaqqsu 20% u jaghtu Lm4,742
B'kollox l-attrici ghandha tiehu bhala *lucrum cessans* Lm4,742

**Riepilogu**

**Damnum emergens Lm1,800**
**Lucrum Cessans Lm4,742**

**B'kollox Lm6,542**

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
Tiddikjara lill konvenuti responsabbli, kwantu ghall zewg terzi l-konvenut Grech u terz il-konvenut Schiavone, ghal l-incident stradali li fih sfaw korruti l-atturi fil-5 ta' Jannar 2001;
Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-atturi minhabba dan l-incident fl-ammont ta' sitt elef hames mija tnejn u erbghin lira Maltin (Lm6,542);

Tikkundanna lill-konvenuti, kwantu ghall zewg terzi lill konvenut Grech u terz lill konvenut Schiavone ihallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti skond ir-rispettivi rebh u telf u bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------